MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2009

Numru 208/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**vs**

**REGINALD BUGEJA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Reginald Bugeja ta’ 32 sena, iben Paul u Doris nee’ Hole, imwieled Pieta’ nhar il-05.11.1972 u li joqghod no. 26, Triq il-Kullegg, Rabat, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 505272(M).

Billi gie akkuzat talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzijonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Talli fit-28 ta' Frar 2005, f'Hal-Qormi ghal-habta ta' 5:00pm ikkometta serq ta' vettura Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni AAN-173, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltija, bil-mezz, kif ukoll bin-natura tal-haga misruqa, u dan sar ghad-detriment ta' Ramona Attard minn Hal-Qormi;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' fil-vettura msemmija hawn fuq, liema hsara li teccedi Lm10 izda inqas minn Lm50, saret ghad-dannu ta' l-imsemmija Romona Attard minn Hal-Qormi;

Talli fl-4 ta' Marzu 2005, gewwa x-Xemxija, San Pawl il-Bahar ghal-habta tat-3:00pm waqt li kien ma persuna ohra, dolozament bil-hsieb li jikkommetti reat, u cioe' dak ta' serq aggravat, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, u cioe' ta' serq ta' mutur tal-bahar *outboard* ta' ghamla Yamaha 9.9, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema delitt li kieku sehh kien ikun kkwalifikat bil-mezz u l-valur li ma jeccedix l-elf lira Maltin;

U aktar talli nhar l-4 ta' Marzu 2005, gewwa l-Mgarr (Malta) f'xi hin bejn it-8:00am u l-4:00pm waqt li kien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' diversi muniti antiki w ammont mhux mahruf ta' Dollari Awstraljani li l-valur taghhom jeccedi s-somma ta' Lm100 izda anqas minn Lm1000 mill-fond 'Australiana', Triq il-Kbira, Mgarr ghad-

dannu ta' Duminku Schembri mill-Mgarr (Malta), liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, lok u valur;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' hsara fil-bieb ta' barra ta' l-imsemmija residenza, liema hsara taccedi Lm10 izda ma taccediex Lm50 u dan sar ghad-dannu ta' l-imsemmi Duminku Schembri;

Nakkuzah ukoll talli bejn it-28 ta' Frar 2005 u s-6 ta' Marzu 2005 f'diversi bnadi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom.

Nakkuzah ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datati 11.07.2000, 24.04.2001 u 07.11.2002 (Qorti ta' l-Appell) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

U fl-ahharnett nakkuzah talli kiser il-provediment ta' sentenza ta' prigunerija ghal-sentejn sospiza ghal-erba' snin moghtija lilu fit-18 ta' Novembru, 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Dr Joseph Cassar LLD) u aktar talli kiser ordni ta' probation mghotija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr. N. Cuschieri LL.D.) datata 24.09.2002 u (Dr. C. Peralta LL.D. datata 20.01.2003.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tieghu datata 14 ta' Settembru, 2005 u li tinsab a

fol. 92 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli ghall-Prosekuzzjoni u Dr. Edward Gatt ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tirreferi ghall-ksur tal-Provvediment ta' Sentenza ta' prigunerija ghal sentejn sospiza ghal erba' snin moghtija lilu fit-18 ta' Novembru, 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Dr. Joseph Cassar LL.D.) u l-ksur ta' ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Dr N. Cuschieri LL.D.) datata 24.9.02 u (Dr. C. Peralta LL.D.) datata 20.1.03, dawn is-Sentenzi diga' gew provduti ghalihom fil-kawza 'Il-Pulizija vs Reginald Bugeja' – Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. u ghaldaqstant talbu li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli ghall-Prosekuzzjoni, b'referenza ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, iddikjara li din l-akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi ta' serq migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija sitt akkuza migjuba kontra l-imputat.

Inoltre innutat li fis-Seduta tallum l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-sitt akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u salv l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie

mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-sitt akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u salv l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 261(b), (c), (g) u (e), 263, 267, 269, 271(g), 278, 279, 41(1)(a), 325, 17, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Reginald Bugeja, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv is-sitt akkuza migjuba kontra tieghu li tirrigwarda ricettazzjoni u salv l-ahhar akkuza migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali xejn felici tal-imsemmi imputat tikkundanna lill-imsemmi imputat Reginald Bugeja ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u sitt (6) xhur prigunerija.

Inkwantu ghas-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat Reginald Bugeja liema akkuza tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli ghall-Prosekuzzjoni rigward din is-sitt akkuza migjuba kontra l-imputat, kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija sitt akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni.

Inkwantu ghall-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Reginald Bugeja, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Portelli ghall-Prosekuzzjoni u Dr Edward Gatt ghall-imputat rigward din l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat, kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat Reginald Bugeja.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------